MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 67/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Micallef)**
**Vs**

**Emanuel Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-18 t’Awissu, 2005 ghall-habta tas-7.05 hrs fi Triq Lapsi, Siggiewi,
1) saq il-vettura ABM 126 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija, jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghall-imsemmija vettura;
2) b’hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta’ dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(3) Chapter 65, L.N. 191/02, Sec. 3 Kap. 104, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ LM1,100, b’rati mensili ta’ LM50.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta’ Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati fuq l-ewwel akkuza w tannulla w tirrevoka s-sentenza fejn sabet lill-appellant hati fir-rigward tat-tieni akkuza w cioe’ li ma kellux polza ta’ sigurta’ dwar ir-riskju tat-terzi persuni w tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-istess imputazzjoni kontrih migjuba w tilliberah minn kull imputazzjoni w kundanna rilevanti ghall-imsemmija akkuza.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Rat l-original tal-polza tal-assigurazzjoni rigwardanti l-vettura in kwistjoni li kienet tkopri lil kull persuna li tkun qed issuq il-karozza b’ordni tal-assigurat, appellant jew inkella bil-permess tieghu li jkollha iktar minn hamsa w ghoxrin (25) sena.**

**Rat il-verbal li bih Dr. Tonna Lowell, ghall-prosekuzzjoni, qabel illi, in vista tal-prezentata ta’ dan id-dokument, it-tieni akkuza ma gietx ippruvata w li dan kellu jigi necessarjament rifless fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi bhala fatt jirrizulta li l-vettura ABM 126 kienet koperta b’polza ta’ sigurta’ kontra r-riskji ta’ terzi mal-Middle Sea Insurance plc. li kienet tiskadi fit-8 ta’ Novembru 2005 u ghalhekk fiz-zmien tal-incident l-istess vettura kienet koperta ghal fini u effetti tal-Kap.**

**104 tal-Ligijiet ta’ Malta w ghalhekk l-aggravju tal-appellant jidher gustifikat.**

**Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati fuq l-ewwel akkuza w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati fuq it-tieni akkuza w cioe’ li ma kellux polza tas-sigurta’ dwar riskji ta’ terzi persuni w fejn ikkundannat lill-appellant ghall-multa ta’ elf u mitt liri Maltin (LM1100) li jithallsu b’rati mensili ta’ hamsin lira, w minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni w tikkundannah ihallas multa ta’ mitt lira Maltin (LM100) ghall-ewwel imputazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------